**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 06/2018 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 22 ta' Frar 2018

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | SKUŻAT |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | SKUZAT |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | SKUZAT |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

06.3 Komunikazzjoni mill-President;

06.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

06.5 Rapporti;

06.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti Nru. 76/2018 (missing cheques 2017) & 77/2018;

06.7 Mozzjonijiet;

06.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**<u>TALBA</u>**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 06.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li l-Kunsilli ta' Isla, Marsa, Xgħajra u Zabbar kienu avżaw sabiex jitolbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li l-Kunsilli ta' Isla, Marsa, Xgħajra u Zabbar jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

## 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Is-Sindku tal-Kalkara talbet sabiex f'parag. 04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri, numru i., fejn fil-Minuti ġie diskuss il-Karnival titneħħa l-kalkara għaliex bħala Kalakara ma kenux ġew inklużi mill-Kumitat tal-Karnival anzi saħansitra meta hija kienet ilmentat li ma daħluhomx kienu qalulha li bħalha lokalita' kienet daħlet l-ESPLORA.

Il-Kumitat unanimament qabel li ssir din il-korrezzjoni.

ii Sadanittant peress li l-Minuti tal-Laqgħa ta' Jannar numru 04/2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 04/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 06.3 Komunikazzjoni mill-President

Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion. Qal li dan il-każ kien beda jinstema fil-QORTI nhar is-7 ta' Novembru 2017 fejn is-Sra Mangion kienet xehdet u tat il-verżjoni tagħha filwaqt li kienu leħqu xehdu wkoll is-Sur Anthony Valvo Sindku tax-Xgħajra kif ukoll s-Sur Adrian Mifsud Direttur DLG. Żied jispjega l-President li din il-kawża kienet ġiet differita għat-3 ta' April 2018.

LESA

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA ma kenitx qed tħallas ir-*running costs* imma kienu qed jirrifondu biss is-salarji tal-impjegati. Żied jispjega li din is-sitwazzjoni kien ressaqha fl-AKL sabiex tiġi diskussa anke min-naħa tagħhom.

Tenders

**iii.** Il-President nforma lill-Kumitat li t-tlett tenders li kellu miftugħa kienu kollha ġew aġġudikati u konna qed nistennew li jiġu ffirmati l-kuntratti rispettivi flimkien mal-preżentazzjoni tal-Performance Guarantee.

Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li l-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu ser jibqgħu sa nofs ix-xahar ta' Marzu fil-lokalitajiet fejn kienu imbagħad tim imur il-Kalkara u tim ieħor imur il-Fgura.

**iv.i.** Il-President talab lill-Kumitat sabiex isir użu tajjeb mill-ħaddiema assenjati magħna speċjalment dawk li jaqgħu taħt l-RSSL għaliex dawn huma kollha persuni ta' ċerta teknika bħal per eżempju welders etc.

URBACT

**v.** Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett.

Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun għal dawn il-laqgħat. Informa lis-Sinjuri Membri li l-laqgħa li kien imiss kienet ser issir f'Nicosia Ċipru nhar l-14 u 15 ta' Mejju. Għal din il-Konferenza għad iridu jiġu magħżula l-parteċipanti mir-Reġjun Xlokk.

**vi.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, kuntrarju għal dak li kien infurmahom fil-laqgħat preċedenti, jidher li d-Dipartiment Gvern Lokali kien xorta waħda għadda madwar €100,000 fil-kont bankarju tar-Reġjun Xlokk u għaldaqstant kienu ser jibbenefikaw huma wkoll minn dawn il-fondi. t — Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

vi.i Hawnhekk il-President spjega li kważi xahrejn wara konna ġejna kkuntattjati mid-Dipt. Gvern Lokali li kienu rrapurtaw li l-flus li kienu daħlu fil-kont bankarju tar-Reġjun Xlokk kienu daħlu bi żball u għaldaqstant dawn kienu qed jitolbu l-flus lura. Il-President spjega fid-dettal dan il-każ lill-membri u żied jgħid ukoll li l-avukati tad-DLG kienu ltaqgħu mal-AKL u għaldaqstant ir-Reġjun kien ser jagħmel l-istess. Sadanittant spjega wkoll il-President Paul Farrugia li meta kkuntattjat id-Direttur Ġenerali kien qal li ma jafx bih il-każ pero kien talab li ssir laqgħa bejn il-partijiet. Pero ġara li nhar l-20 ta' Frar 2018 irċieva kopja ta' email mingħand id-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard fejn dan qal li kien jidher li sar żball u għaldaqstant dawn il-flus ma kenux tar-Reġjun Xlokk. Il-membri preżenti kollha kkummentaw bil-qawwa dwar dan għall-fatt li kollha kemm huma kienu leħqu għamlu *commitment* kemm mal-Kunsill tagħhom kif ukoll mal-istess residenti tal-lokalita' u dan apparti li biex kull Kunsill parteċipant ipprepara l-BoQ's mitluba kellu jqabbad Perit li f'ċerta każi dawn anke ħalsu madwar €1000 . Sar diskussjoni fit-tul dwar din is-sitwazzjoni mill-Membri u kien deċiż li ladarba ssir il-laqgħa mad-Direttur Ġenerali kellha titressaq oġġezzjoni f'isem il-Kunsill parteċipanti. Ġie deċiż ukoll li kull Kunsill kellu jippreżenta lir-Reġjun kopja tal-Minuti fejn il-Kunsill rispettiv tiegħu kien iddeċieda li jissieħeb f'din l-iskema u dan sabiex tintuża bħala evidenza li l-Kunsilli kienu kkommettew ruħhom.

**vii.** Il-President talab lill-Kumitat sabiex fil-Kunsilli rispettivi tagħhom jiddiskutu jekk kenux jaqblu li r-Reġjun jerġa joħroġ tender waħda għal street lighting u jekk bħala Kunsill kenux interessati li jissieħbu fih. Il-President fakkar li l-kuntratt attwali kien wasal biex jiskadi u għaldaqstant kelna nibdew naħsbu għal ħruġ ta' tender ġdida — Tender Street Lighting

vii.i Il-President nforma lill-Kumitat li kienu reġgħu ħarġu l-fondi tan-Norway Grants. l-Sur Paul Farrugia qal li kien qabbad lill-Konsulent tagħna biex jiċċekkja x'fondi kien hemm relatati mal-proġett tar-Reachout Centre. F'dan ir-rigward il-Konsulent kien kiteb u talab lid-Dipt relatat u t-tweġiba li rċieva kienet li d-Dipartiment ma kienx jaf bihom dawn il-fondi. Sadanittant żied jispjega s-Sur Paul Farrugia li kien kellem lil ħaddiehor li kien qed jaħdmilna fuqhom hu. — Norway Grants

**viii.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Memebri li kienu qed joħorġu skemi għar-restawr. Pero żied jispjega l-President li jekk il-Gvern Ċentrali diġa kien għamel restawr fir-raħal, allura l-Kunsill ma setax jibbenefika u ried tistenna 3yrs. — Skemi għar-restawr

## 06.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

**i.** Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier il-Birgu qal li meta kienu Morne A l'Eau kien hemm xi parteċipanti li dawn qalulu li meta kienu japplikaw għal xi proġett kaptiali setgħu jagħmlu dan u japplikaw mingħajr l-permess tal-Gvern Ċentrali u — **Fondi EU**

kienu japplikaw direttament through ir-Reġjuni.

**ii.** Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier il-Birgu rrimarka li bħala Kunsill Birgu kienu rċevew fondi għall-attivita' kulturali li ssoltu jintużaw għal BirguFest fejn din id-darba kienu rċevew €15000 jiġifieri tnaqqis ta' €4000. Is-Sinj. M. Doris Abela Sindku taż-Żejtun kienu rċevew €10,000 tnaqqis ta' €2000, is-Sinj. Speranza Chircop Sindku tal-Kalkara kienu talbu €15000 filwaqt li tawhom biss €4000, Is-Sur Pierre Dalli Sindku tal-Fgura kienu talbu €8000 filwaqt li tawhom biss €4000.

**iii.** Is-Sinj. M. Doris Abela Sindku taż-Żejtun qalet li kienu qed jerġgħu jiltaqgħu ma problemi minħabba lis-Skemi tal-Housing dwar il-manutenzjoni tal-komun. Saret diskussjoni dwar dan u ġie ssuġġerit li l-Kunsilli ma' jissieħbux f'tali skema. Skemi tal-Housing dwar il-manutenzjoni tal-komun

**06.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**06.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 76/2018 (Missing Cheques 2017) u 77/2018**

i. L-Iskedi tal-Pagamenti 76/2018 & 77/2018 ġew approvati u ġew iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

**06.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**06.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:30hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar **IT-TLIETA 27 TA' MARZU 2018 fil-5.30pm**

(IFFIRMATA)

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

(IFFIRMATA)

*Antonella Galea*
*A/ Seg. Eżek*